

Brussell, 27 ta' Settembru 2019
(OR. en)

12463/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0129(COD)**

**CODEC 1416
TRANS 452**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-17 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 91(1)(c) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Frar 2019³.
4. Fl-4 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr ir-reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi-lingwisti, il-Parlament approva corrigendum għal dik il-pożizzjoni waqt is-sessjoni plenarja tiegħu mis-16 sad-19 ta' Settembru 2019. Dan jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 9040/18.

² ĠU C 62, 15.2.2019, p. 261.

³ ĠU C 168, 16.5.2019, p. 81.

⁴ 12220/19.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-ftehim tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, bl-astensjoni tar-Renju Unit, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 69/19;
- jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni li tidher fl-Addendum 1 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
